MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Numru. 330/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Stefan Zammit**

**Illum, 18 ta' Settembru 2013**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Stefan Zammit ta' 22 sena, iben George u Jacqueline xebba Vella, imwieled il-Pieta` nhar it-12 ta' Marzu 1985 u residenti numru 45, Vella Flat 3, Triq il-Kus, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita` numru 161985(M)

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fl-14 ta’ Settembru 2007 u fix-xahrejn ta’ qabel:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Rat illi fis-seduta tal-lum stess, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010, il-prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u illi fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2012, il-prosekuzzjoni ddikjarat ukoll illi l-imputat ghandu jibbenefika minn dan l-artikolu b'zewg gradi;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2013, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena, u b'mod partikolari s-sottomissjoni tal-istess partijiet illi fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, il-piena ghandha tqarreb lejn il-minimu. Rat ukoll illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ddikjarat illi ma kinitx qeghda tintrabat ma' dan is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat u mill-provi mressqa, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali aggornata tal-imputat[1], li hija wahda netta. In oltre, il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat mill-ewwel ikkopera mal-pulizija[2] u d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fis-sens illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta bit-tnaqqis ta' zewg gradi. F'dan ir-rigward, mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-15 ta' Settembru 2005[3], jirrizulta illi l-imputat ta informazzjoni lill-pulizija dwar il-persuna li kienet tfornieh bid-droga eroina – certu Melvin minn Hal Qormi – u fil-fatt jidher ukoll illi din l-assistenza waslet sabiex din il-persuna titressaq quddiem il-Qorti. Mill-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2013, jirrizulta illi d-difiza talbet differiment sabiex *inter alia* l-imputat jilhaq jixhed fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Melvin Muscat', liema kawza kienet tinsab differita ghall-15 ta' Mejju 2013 – fatt li ma giex kontestat mill-prosekuzzjoni li kif inghad, diga` kienet iddikjarat f'zewg okkazzjonijiet ohra precedenti, illi l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Stante li ghalhekk jidher li l-imputat ghen b'mod effettiv lill-pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri taghha, fil-fehma tal-Qorti, l-istess imputat ghandu jibbenefika minn diminuzzjoni fil-piena ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101 bi tnaqqis ta' zewg gradi mill-piena applikabbli dwar prigunerija u b'terz dwar piena pekunjarja.

Min-naha l-ohra, il-Qorti hi tal-fehma illi l-ammissjoni tal-imputat ma tistax titqies bhala wahda bikrija. Fl-ewwel seduta mizmuma fil-21 ta' Mejju 2010, id-difiza talbet differiment sabiex tirregola ruhha. Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2011, il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali u fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2011, sar l-ezami tal-imputat, fejn huwa wiegeb li ma kienx hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. L-imputat ma deherx, minkejja li kien notifikat, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2011 u fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2011, il-

[1] A fol. 28 tal-process.

[2] Dan kif jirrizulta ampjament mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-15 ta' Settembru 2005 (a fol. 6 u 7 tal-process).

[3] A fol. 6 u 7 tal-process.

prosekuzzjoni infurmat lill-Qorti illi ma kinux tharrku xhieda f'dik is-seduta stante illi kien hemm possibilita` li l-imputat jirregola ruhu u fil-fatt id-difiza talbet differiment. Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2012, id-difiza nfurmat lill-Qorti illi l-imputat ma kienx ser jirregola ruhu u fit-12 ta' Dicembru 2012, gie mitlub differiment iehor da parti tad-difiza, sabiex l-imputat jirregola ruhu. L-ammissjoni tal-imputat, imbaghad, giet registrata fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2013, ossia tnejn u tletin xahar wara li giet mizmuma l-ewwel seduta u fit-tmien seduta mizmuma f'din il-kawza.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-15 ta' Settembru 2007, wara li nghata s-solita twissija li kellu dritt li jibqa' sieket, imma li dak li jghid seta' jingieb bhala prova. Huwa stqarr illi dakinhar li gie arrestat mill-pulizija, u cioe` fl-14 ta' Settembru 2007, huwa kien ircieva telefonata minghand persuna – li ismu ma kienx jafu – li talbu biex "*ingiblu s-soltu jigifieri 5 grammi erojina*".[4] Huwa gab din id-droga mir-remissa ta' certu Melvin minn Hal Qormi u mar lejn il-Belt, fejn kellu jiltaqa' ma' dak li kien cempillu biex jghaddilu d-droga. L-imputat ipparkja u hekk kif il-persuna l-ohra waslet hdejn il-vettura tal-istess imputat, gew imwaqqfa mill-pulizija. Dak il-hin, l-imputat telaq minn idejh il-borza li kienet tikkontejni d-droga, li waqghet mal-art. Minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat, instabet is-somma ta' Lm2550, liema flus gew esebiti mill-prosekuzzjoni u mmarkati bhala Dok. VA1, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010.

L-imputat stqarr ukoll illi huwa kien ilu jbiegh id-droga eroina ghal madwar xahrejn. Jidher illi huwa dejjem kien ibiegh id-droga lill-istess persuna – ossia lill-istess persuna li cemplitlu dakinhar li gie arrestat – u dan billi huwa jghid illi "*li kont naghmel kont immur ghand Melvin, jaghtini id-droga u mmur naghtiha lil dan tal-Belt*"[5]. Izjed l'isfel fl-istess stqarrija, meta gie mistoqsi dwar kif kien sar jaf lil Melvin, l-imputat qal illi Melvin kien issugerilu illi jekk ried jaqla' lira, seta' jaghmillu zewg qadjiet u li dan Melvin

[4] A fol. 6 tal-process.
[5] A fol. 7 tal-process.

kien ser jaghtih Lm12 ghal kull qadja - u dan b'referenza ghad-droga. L-imputat jghid illi "*kont accettajt u kien hemm persuna u bdiet iccempilli fuq il-mobile u jien kont immur ghandu* [hawn l-imputat kien qed jirreferi ghal Melvin] *niehu d-droga u immur il-Belt niltaqa' mieghu. Jien kont nghaddilu d-droga u hu kien jghaddili l-flus*".[6]

L-imputat jghid illi huwa kien ibiegh hames grammi eroina bil-prezz ta' Lm85. Jghid ukoll: "*Jien kont nigborlu ammont ta' flus normalment Lm850 u kien jaghtini bejn Lm100 u Lm120*". Dan ifisser illi l-imputat ma kienx jghaddi l-flus li jdahhal mill-bejgh tad-droga lil Melvin, mill-ewwel, izda kien jigbor ammont ta' flus – normalment Lm850 – u jghaddihomlu f'salt sabiex hu imbaghad idahhal bejn Lm100 u Lm120 ossia bejn Lm10 u Lm12 ghal kull qadja. Minn dan il-kliem – apparti dak li qal l-imputat u li diga` gie citat izjed il'fuq, fis-sens illi l-persuna li cemplitlu dakinhar li gie arrestat kien talbu "*biex ingiblu s-soltu jigifieri 5 grammi*" - wiehed jista' jasal ghal konkluzjoni li kienu diversi l-okkazzjonijiet li fihom l-imputat biegh id-droga eroina lil din il-persuna gewwa l-Belt f'perjodu ta' xahrejn. Mill-figuri li pprovda l-imputat stess, jirrizulta illi huwa kien ibiegh 50 gramma eroina u imbaghad jghaddi s-somma ta' Lm850 lil Melvin. In oltre mill-kliem '*kont nigborlu*' u '*normalment*' jidher illi l-imputat ghamel dan diversi drabi u ghalhekk kien hemm diversi drabi li fihom l-imputat gabar Lm850 ghal Melvin (u biegh 50 gramma eroina). Ifisser ukoll illi kien hemm drabi fejn gabar somma izghar jew ikbar, qabel ma ghaddiha lil dan Melvin.

U fil-fatt meta mistoqsi dwar is-somma ta' Lm2550 li kienet nstabet fil-vettura tieghu, l-imputat qal illi fil-waqt illi Lm1200 minn din is-somma, kien gabhom mill-bank, ir-rimanenti kienu gejjin mid-droga u kien ser jghaddilhom lil Melvin.[7] Dan ifisser illi s-somma ta' Lm 1350 kienet gejja mill-bejgh tad-droga. Ifisser ukoll mill-figuri li pprovda l-imputat fl-istess stqarrija tieghu, illi biex dahhal Lm1350, huwa biegh madwar 79 gramma eroina u dan apparti l-

[6] A fol. 7 tal-process.
[7] A fol. 7 tal-process.

hames grammi li huwa kien fil-process li jbiegh lill-persuna li cemplitlu fl-14 ta' Settembru 2007, meta gie mwaqqaf mill-pulizija. Hawnhekk ghalhekk diga` wiehed irid jikkunsidra 84 gramma eroina, apparti dak li diga` intqal fil-paragrafu precedenti.

Ghalkemm l-imputat fl-istqarrija tieghu, wiegeb illi huwa ma kienx jiehu droga[8], fix-xhieda moghtija minnu fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013, l-imputat qal illi f'dak iz-zmien li kien gie arrestat, huwa kellu l-vizzju tad-droga[9]. Huwa xehed illi huwa kien ghamel programm u rriforma ruhu u li llum m'ghadx ghandu dan il-vizzju. L-imputat qal ukoll illi llum ghandu hajja stabbli, ilu f'relazzjoni ghal sena u nofs u jahdem ghal rasu.

Hawnhekk irid jinghad illi ghalkemm din ix-xhieda inghatat mill-imputat bil-gurament tieghu quddiem il-Qorti, a kuntrarju tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, il-Qorti ssibha ferm stramba kif l-imputat, li kkollabora mill-ewwel mal-pulizija fl-istqarrija tieghu u ta d-dettalji kollha tal-mod kif kien iltaqa' mal-persuna li kienet tfornilu d-droga u tal-procedura kollha li biha kien ibiegh l-istess droga, inkluz il-prezz li biha kien ibieghha u l-qliegh tieghu minnha, ma qalx ukoll li huwa kellu l-vizzju tad-droga. Fix-xhieda tieghu, quddiem din il-Qorti, meta gie mistoqsi mill-Qorti stess jekk kienx ghamel xi programm, huwa wiegeb "*Le jiena just kont niehu naqriet u wara xi 3 snin ghamilt programm*"[10]. L-imputat la ta dettalji dwar dan il-programm, bhal per ezempju, l-Agenzija li fi hdanha huwa kien segwa dan il-programm u wisq anqas ma tella' xhieda bhal per ezempju, rapprezentanti mill-istess Agenzija, kif solitament isir f'dawn il-kawzi, sabiex jikkorroboraw ix-xhieda tieghu. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ma tqisx illi l-imputat irnexxilu juri li huwa kien jabbuza mid-droga u li rriforma ruhu, lanqas sal-grad tal-probabbli.

Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, ma tqisx li l-fatt illi wiehed kien huwa stess jabbuza mid-droga, bhala attenwant ghal

[8] A fol. 7 tal-process.
[9] A fol. 24 tal-process.
[10] A fol. 25 tal-process.

piena. Il-Qorti tirribadixxi, kif diga` ghamlet f'sentenzi ohrajn, illi hija tikkondividi dak li tenniet din il-Qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Vella** (Kawza Nru. 51/2009) deciza fit-23 ta' Jannar 2013, fejn inghad illi "*Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta' drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn drug addict biex jiffinanzja l-problema tad-droga tieghu. Min isofri mill-problema tad-droga u/jew ghandu problemi familjari ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problemi familjari, u mhux jittraffika d-droga. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra*". Dan kif gie ritenut ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Shone Stone** (Appell Nru. 198/96), deciza fl-20 ta' Jannar 1997 u fis-sentenza taghha fl-istess ismijiet, moghtija fl-istess jum (Appell Nru. 196/96) fis-sens illi "*l-fatt li persuna tkun "drug addict" ma jintitolahiex li taghmel affarijiet li jistghu jkunu ta' detriment ghal haddiehor*" biex tissodisfa l-htigijiet taghha.

Huwa veru wkoll illi kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mark Mifsud** deciza fis-6 ta' Dicembru 2002, "*Huwa veru li wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi personali tal-hati (inkluz xi progress seta' ghamel minn mindu tressaq il-qorti) b'mod li ma jinjorax ghal kollox ir-riabilitazzjoni, jew riabilitazzjoni potenzjali tieghu, pero` meta si tratta ta' reati serji bhalma huma t-traffikar ta' droga, l-element tad-deterrent u tal-gustizzja mas-socjeta` ghandu jipprevali fuq konsiderazzjonijiet ta' riabilitazzjoni*". Din il-Qorti, madankollu, kif inghad izjed il'fuq ma tqisx illi l-imputat wera, sal-grad tal-probabbli, la li kellu l-vizzju tad-droga u wisq anqas li rrijabilita ruhu. Ghaldaqstant il-Qorti mhix ser taghti ebda konsiderazzjoni ta' din ix-xorta fir-rigward tal-piena li ser tigi inflitta fuq l-imputat.

In oltre ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni illi l-imputazzjoni (b) hija assorbita fl-imputazzjoni (a) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta, stante li din serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar u bejgh tad-droga eroina.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 17(h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **sentejn u disa' xhur prigunerija effettiva** u multa ta' **elf u tlett mitt Euro (€1,300)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta, tas-somma provenjenti mill-bejgh tad-droga eroina, ossia s-somma ta' elf, tliet mija u hamsin Liri Maltin (Lm1,350), ekwivalenti ghal tlitt elef, mija, erbgha u erbghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€3,144.65), liema somma hija parti mis-somma ta' elfejn, hames mija u hamsin Liri Maltin (Lm2550), esebita bhala Dok. VA1. Il-Qorti tordna r-rilaxx favur il-hati tar-rimanenti somma ossia s-somma ta' elf u mitejn Lira Maltin (Lm1,200) ekwivalenti ghal elfejn, seba' mija, hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€2795.25) u tal-*mobile phone*, esebit flimkien mas-somma msemmija bhala Dok. VA1.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

**< Sentenza Finali - Not To Put On Web >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------